# GĦAWDEX

# X'għadda minn għalina



minn
**Charles Spiteri**



L-Urna fejn jinsabu l-fdalijiet ta' Madre Margerita

## Ġurnata importanti għall-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù

It-13 ta' April kienet ġurnata importanti ħafna għall-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. L-aħbar tant mistennija mis-Santa Sede waslet. L-aħbar li l-virtujiet erojċi li għexet il-Fundatriċi tagħhom, il-Qaddejja ta' Alla, Madre Margerita De Brincat ġew magħrufa u rikonoxxuti.

Id-disa' Kardinali li ngħataw il-ħidma li jistudjaw il-ħajja u l-kitbiet tagħha, flimkien max-xhieda li ngħatat fil-Proċess Djoċesan kemm minn sorijiet u kemm minn lajċi kienu taw vot pożittiv.

Dan kien pass ieħor 'il quddiem lejn il-Kanonizzazzjoni ta' din issoru umli minn Kerċem, Għawdex, (1862 – 1952), li, bis-saħħa tal-fiduċja kbira tagħha f'Alla, irnexxielha tagħmlu magħruf u maħbub f'ħafna postijiet madwar id-dinja.

Uliedha spiritwali llum għadhom ikomplu l-ħidma li bdiet hi, f'diversi Djar f'Malta u Għawdex, Sqallija u l-Italja, Londra, Korfù, Ġerusalemm, Brażil, Pakistan, il-Filippini, l-Etijopja u l-Kenja. Jalla din il-ġrajja tgħin biex aktar nies jagħrfu l-għeġubijiet li l-Mulej jista' jwettaq permezz tagħha, meta nerħu ruħna f'idejn il-ħarsien tiegħu.



Madre Margerita



It-Trajbu u Bizzilla maħduma minn Madre Margerita



Christabel Attard tiffirma l-ktieb 'Il-Villagg ta' Serpentinu'

## Jum Dinji tal-Ktieb

L-Iskola Primarja tar-Rabat Għawdex fi ħdan il-Kulleġġ ta' Għawdex iċċelebrat il-Jum Dinji tal-Ktieb nhar it-Tlieta 23 ta' April. It-tfal tal-klassijiet kollha kienu involuti f'attivitajiet varji u interessanti bil-għan li jitkattar fihom imħabba għall-ktieb. Inqraw stejjer, kien hemm qari fi gruppi ta' tnejn u aktar, *treasure hunt* u teatru talpupazzi.



L-istudenta Angela Refalo issemma' silta mużikali bil-vjolin tagħha

Wara nofsinhar tnieda l-ktieb *Il-Villaġġ ta' Serpentinu* miktub minn waħda mill-għalliema tal-iskola Christabel Attard. Il-Kunsill Studenti tal-Iskola ħa ħsieb il-programm li kien jikkonsisti f'kant, mużika, żfin u intervisti malawtriċi, Marvic Spiteri li pinġiet l-istampi u l-pubblikatur.

Anita Sciberras, il-prinċipal tal-Kulleġġ ta' Għawdex, indirizzat lil dawk preżenti. L-attivitajiet kollha ġew ikkordinati mill-għalliema tal-iskola bl-involviment tal-għalliema paripatetiċi.

CB TRAVEL ADVENTURES

**New Prices to MALTA On Sale Now**

*For further information call*

**Chris Borg**

**Tel: (02) 9622 5779** *or*

**Mob: 0412 325 517**

***Don't gamble your money. Book through a Secure and Fully Licensed Travel Agent***

email: **chris.borg@cbtraveladventures.com.au**

22 Ollier Crescent, Prospect
NSW 2148

*Best service is our Guarantee*

*Proud sponsors of Akkademja Maltija ta' NSW – Learn Maltese Tel: (02) 9820 8120 or find us on facebook – Skola Maltija Australia.*

*Fully Licensed Travel Agent Lic. 2TA 6107*